# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/676

## tat-3 ta' Mejju 2018

## li jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(6) u 84(d) tiegħu,

Billi:

(1) Hemm żball fil-punt C. 2.5.1.2. (i) tal-Parti I tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 ([2]) li tistabbilixxi l-prinċipji speċifiċi li jridu jiġu kkunsidrati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-konċentrazzjoni tas-sustanza attiva u tal-metaboliti rilevanti, il-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni fl-ilma ta' taħt l-art.

(2) L-iżball feġġ meta ġew inkorporati ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) imħassra fir-Regolament (UE) Nru 546/2011 skont l-Artikolu 84(d) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(3) Fl-Anness tad-Direttiva 91/414/KEE, saret referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([4]) u li sussegwentement ġiet imħassra u sostitwita bid-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([5]). Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 546/2011 għandu jirreferi għad-Direttiva 98/83/KE tal-Kunsill u mhux għad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 546/2011 għalhekk jenħtieġ li jiġi kkoreġut skont dan.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-kriterji korretti għal implimentazzjoni xierqa tal-prinċipji uniformi huma applikati wkoll għal proċeduri ta' valutazzjoni kontinwa, din il-korrezzjoni jenħtieġ li tibda tapplika mill-aktar fis possibbli.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 546/2011 huwa kkoreġut kif ġej:

Fil-Parti I tal-Anness, il-punt C. 2.5.1.2. (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-konċentrazzjoni massima permissibbli stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE (*); jew

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32)."

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 127).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([4]) Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum tal-bniedem (ĠU L 229, 30.8.1980, p. 11).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).
([6]) Id-Direttiva Nru 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER